

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12139/26

AGRILEG 194
PESTICIDE 54

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D112997/03
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal aċekwinoċil, deltametrin, dodin, idražid malejku, pinoksaden u protijokonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument D112997/03.

Mehmuż: D112997/03



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2025/3053 Rev. 1
(POOL/E4/2025/3053/3053R1-EN.docx)
D112997/03
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal aċekwinoċil, deltametrin, dodin, idražid malejku, pinoksaden u protijokonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għal aċekwinoċil, deltametrin, dodin, idražid malejku, pinoksaden u protijokonażol f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanzi attivi aċekwinoċil, deltametrin, dodin, idražid malejku, pinoksaden u protijokonażol ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fir-rigward tal-aċekwinoċil, ġiet sottomessa applikazzjoni li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għall-mirtill, għall-cranberries, għar-ribes (ħamra, sewda u bajda) u għar-ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor) skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Fir-rigward tad-deltametrin, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar), għall-bettieħ u għad-dulliegħ. Fir-rigward tad-dodin ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-"għeneb". Fir-rigward tal-idražid malejku, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-komoditajiet tal-annimali. Fir-rigward tal-pinoksaden, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għax-xgħir, għall-qamħ u għas-segala. Fir-rigward tal-protijokonażol, ġiet sottomessa applikazzjoni bħal din għas-celeriac/krafes bl-għeruq u għaż-żerriegħa tal-lift/tal-kolza, ġiet sottomessa applikazzjoni oħra għat-tewm u ġiet sottomessa applikazzjoni oħra għall-"pomu", għall-berquq, għaċ-ċirasa, għall-għanbaqar, għall-"kukurbiti b'qoxra li tittiekel", għall-"kukurbiti b'qoxra li ma tittiekilx" u għar-ross.
- (3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat l-opinjoni motivati tagħha dwar l-MRLs proposti².

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>.

² Modification of the existing maximum residue level for acequinocyl in various crops. EFSA Journal 2025; 23 (12): e9810, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9810>.

Modification of the existing MRLs for deltamethrin in kiwi, melons and watermelons. EFSA Journal 2026;24 (1): e9818, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.9818>.

Modification of the existing maximum residue level for dodine in grapes. EFSA Journal 2025;23 (11): e9757, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9757>.

Peer review of the pesticide risk assessment of the active substance maleic hydrazide. EFSA Journal 2025; 23 (7): e9522, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9522>.

Dawk l-opinjoniġiet bagħtithom lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u ppubblikathom.

- (4) Fir-rigward ta' dawk l-applikazzjonijiet kollha, l-Awtorità kkonkludiet li d-data kienet xierqa biex jinkisbu jew jiġu kkonfermati l-MRLs proposti għall-komoditajiet li qed jiġu vvalutati. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs mitluba għall-aċekwinoċil fil-mirtill, fil-cranberries, fir-ribes (ħamra, sewda u bajda) u fir-ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor); għad-deltametrin fil-frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar), fil-bettieħ u fid-dulliegħ; għad-dodin fl-"għeneb"; għall-idrażid malejku fil-muskoli, fix-xaħam u fil-ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) tal-ħnieżer, fil-ġewwieni li jittiekel (minbarra il-fwied u l-kliewi) tal-bovini, fix-xaħam, fil-fwied, fil-kliewi u fil-ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) tan-nagħaġ u tal-mogħoż, fil-muskoli, fix-xaħam, fil-fwied, fil-kliewi u fil-ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) tal-pollam, fil-ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi) ta' annimali terrestri mrobbijin oħrajn, fil-ħalib min-nagħaġ u mill-mogħoż, u fil-bajd tal-għasafar; għall-pinoksaden fix-xgħir, fil-qamħ u fis-segala; u għall-protijokonażol fis-celeriac/krafes bl-għeruq, fiż-żerriegħa tal-lift/tal-kolza, fit-tewm, fil-"pomu", fil-berquq, fiċ-ċirasa, fl-għanbaqar, fil-"kukurbiti b'qoxra li tittiekel", fil-"kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx" u fir-ross fil-livelli rakkomandati mill-Awtorità. Jixraq ukoll li titħassar in-nota fqiegh il-paġna dwar l-MRL tentattiv għall-protijokonażol fiż-żerriegħa tal-lift/tal-kolza.
- (5) Fir-rigward tal-pinoksaden, l-applikant issottometta data konfermatorja biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-data għall-komoditajiet kollha tal-bhejjem li kienet identifikat l-Awtorità wara rieżami skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u li kien irriżulta fl-istabbiliment ta' MRLs tentattivi għal dawk il-komoditajiet.
- (6) L-Awtorità evalwat id-data konfermatorja sottomessa u ppubblikat opinjoni motivata³ li fiha kkonkludiet li l-lakuni fid-data identifikati għall-komoditajiet kollha tal-bhejjem kienu ġew indirizzati u li l-MRLs tentattivi eżistenti għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali setgħu jiġu kkonfermati. Għalhekk, jixraq li jinżammu l-MRLs eżistenti għall-pinoksaden u jitħassru n-noti fqiegh il-paġna rispettivi dwar in-natura tentattiva tagħhom.
- (7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

Modification of the existing maximum residue levels in barley, wheat and rye, and evaluation of Art.12 confirmatory data for pinoxaden. EFSA Journal 2025;23 (11): e9742, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9742>.

Modification of the existing maximum residue levels for prothioconazole in garlic, onions and shallots. EFSA Journal 2023;21 (1): e07717, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2023.7717>.

Evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review and modification of the existing maximum residue levels for prothioconazole in celeriacs and rapeseeds. EFSA Journal 2020; 18 (2): e05999, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5999>.

Modification of the existing maximum residue levels for prothioconazole in various crops. EFSA Journal 2026;24 (1): e9817, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2026.9817>.

³ Modification of the existing maximum residue levels in barley, wheat and rye, and evaluation of Art.12 confirmatory data for pinoxaden. EFSA Journal 2025;23 (11): e9742, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2025.9742>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN